# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Marzu, 2024.**

**Numru**

**Rikors numru 205/16/2 LSO**

**Esron Mifsud**

**v.**

**TEC Limited (C-58354)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar żewġ appelli imressqa rispettivament mil**l-attur Esron Mifsud** u mis-**soċjetà konvenuta TEC Limited** minn sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla mogħtija fit-30 ta' April 2019 li permezz tagħha kkanonizzat lill-attur kreditur tas-soċjetà konvenuta f'somma inferjuri għal dik mitluba wara li kkunsidrat li l-attur kien debitur tas-soċjetà

konvenuta f’somma likwidata f’kawża oħra konnessa ma’ dik odjerna u li l-appell minnha qed jiġi deċiż kontestwalment.

**Daħla**

2. B’rikors maħluf tal-14 ta’ Marzu 2016 l-attur fisser li ilu joffri s-servizzi tiegħu ta’ armar u żarmar ta’ tined, *gazebos* u *pop-ups,* tqegħied ta’ twapet, *guttering*, tqegħid ta’ *platforms* tal-injam u ħadid, kiri ta’ *crane* u blokok tas-siment sabiex jintrabtu mat-tined u anke xogħlijiet ta’ sorveljanza u servizzi oħra simili lis-soċjetà konvenuta mis-sena 2014. Fisser li huwa ġie inkarigat mis-soċjetà konvenuta sabiex jagħti s-servizzi tiegħu għal diversi avvenimenti fosthom BirguFest tal-2014, il-Junior Eurovision Song Contest Malta 2014 li seħħ fil-15 ta’ Novembru 2014 u l-Malta Eurovision Song Contest 2015 li seħħ fil-21 u t-22 ta’ Novembru 2014. Ippremetta illi fil-bidu ta’ Novembru 2014 ġie inkarigat mis-soċjetà konvenuta sabiex jagħmel xogħolijiet fir-restaurant La Sfogli, il-Belt. Ta’ dawn ix-xogħolijiet jgħid li għad għandu jieħu mingħand is-soċjetà konvenuta s-somma ta’ €19,099.80. Għalhekk talab lill-Qorti:

> “1. Tiddikjara lis-socjeta' intimata debitrici fil-konfront tar-rikorrent fl-ammont ta' dsatax-il elf u disa’ ewro u tmenin centezmu (€19,009.80);
>
> 2. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas ir-rikorrent l-ammont ta' dsatax-il elf u disa’ ewro u tmenin centezmu (€19,009.80).
>
> Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali li gietipprezentata fit-28 ta' Ottubru 2015 quddiem din l-Onorabbli Qorti a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 u li ggib in-numru ta' referenza 212/2015 u l-mandat ta' sekwestru li qieghed jigi intavolat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat u bl-imghaxijiet minn meta giet intavolata l-ittra ufficjali

hawn imsemmija cioe' mit-28 ta' Ottubru 2015 u b' riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta' intimata."

3. Is-soċjetà konvenuta ressqet risposta maħlufa fil-31 ta' Mejju 2016 fejn laqgħet għat-talbiet attur bil-mod segwenti:

"1. Illi hemm qbil li r-rikorrenti gie inkarigat mill-intimat biex jaghmel xoghlijiet pertinenti ghall-attivita' tal-15 ta' Novembru 2014 gewwa l-Malta Ship Building, Marsa;

2. Illi minhabba imperizja, negligenza u traskuragni min-naha tar-rikorrenti giet kawzata hsara konsiderevoli inter alia f'numru ta' gazebos, tapiti, u vetturi, propjeta' ta' l-intimat, liema hsarat jammontaw ghal €24,909.80 [erbgha u ghoxrin elf disa' mija u disa' euro u tmenin centezmu]. Dan kollu huwa mertu ta' kawza li giet intavolata mill-intimat fil-konfront tar-rikorrenti u li ggib in-numru 290/16 LSO;

3. Illi r-rikorrenti qatt u qatt ma pprezenta kont lill-intimat, fejn ta spjegazjoni tax-xoghlijiet li wettaq u dettalji tar-rati li uza;

4. Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hija nfundata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ngunt ghas-subizzjoni"

4. B'digriet tad-9 ta' Ġunju, 2016 l-Ewwel Qorti ordnat li din il-kawża tinstema' kontestwalment mal-kawża fl-ismijiet **TEC Ltd v. Esron Mifsud** (Rik Ġur 290/2016).

5. B'sentenza tat-30 ta' April 2019 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

"1. Tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara lis-socjeta' intimata debitrici fil-konfront tar-rikorrent fl-ammont ta' tlett elef, mitejn u erbgha u tmenin ewro u erbghin centezmu (€3,284.40) li jinkludi l-VAT dovut.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas ir-rikorrent l-ammont ta' tlett elef, mitejn u erbgha u tmenin ewro u erbghin centezmu (€3,284.40) kif hekk likwidat, flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali u cioe` mit-28 ta' Ottubru 2015.

> Billi t-talbiet qed jigu milqugha biss in parti, kif spjegat fis-sentenza, tordna li r-rikorrent ghandu jbaghti 2/3 mill-ispejjez filwaqt li s-socjeta' intimata tbaghti 1/3 mill-istess.”

6. Fl-20 ta’ Mejju 2019, kemm l-attur kif ukoll is-soċjetà konvenuta ressqu appell kull wieħed. L-attur wieġeb għall-appell tas-soċjetà konvenuta fil-11 ta’ Ġunju 2019 filwaqt li s-soċjetà konvenuta rrispondiet għall-appell ta’ Esron Mifsud fit-12 ta’ Ġunju 2019 fejn it-tnejn taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex l-appell tal-kontroparti għandu jiġi miċħud.

7. Fis-seduta tad-9 ta’ Jannar 2024 din il-Qorti semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet u ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza.

8. Il-fatti rilevanti huma s-segwenti.

9. L-attur Esron Mifsud kien ilu mis-sena 2014 jagħti s-servizzi tiegħu lis-soċjetà konvenuta fil-qasam tal-armar u żarmar ta’ tined, *gazebos* u *pop-ups*, tqegħid ta’ twapet u servizzi oħra simili konnessi ma’ avvenimenti pubbliċi.

10. L-attur ġie inkarigat minn Charles Magro, d-direttur tas-soċjetà konvenuta TEC Limited, sabiex jassistih fit-tqegħid ta’ tined għall-avveniment li kien ser iseħħ ġewwa s-*Ship Building* fil-15 ta’ Novembru 2015 u ċjoè għall-*Junior Eurovision Song Contest*, kif ukoll xogħol ieħor marbut mal-Birgufest, tqegħid ta’ tinda ġewwa Pjazza San Ġorġ, il-Belt u

xogħol ġewwa r-*restaurant* La Sfoglia. L-attur jippretendi li għal dawn ix-xogħolijiet għandu jitħallas mingħand is-soċjeta' konvenuta s-somma ta' €19,009.80.

11. Is-soċjetà konvenuta ma ħallsitx. Tgħid li minħabba negliġenza, imperizzja u traskuraġni min-naħa tal-attur fil-maltempata tas-7 ta' Novembru, 2014 hija sofriet danni ammontanti għal €24,909.80, mertu tal-appell fl-ismijiet inversi (numru 290/2016) li wkoll qed jiġi deċiż kontestwalment. Tgħid ukoll illi l-attur qatt ma ppreżentalha kont bi spjegazzjoni tax-xogħolijiet li wettaq u d-dettalji tar-rati li uża.

12. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għas-sentenza appellata huma s-segwenti:

> "Illi waqt is-seduta datata 9 ta' Gunju 2016, gie ordnat li l-kaz 205/2016 fl-ismijiet Esron Mifsud vs TEC Limited. U l-kaz 290/2016 Esron Mifsud vs TEC Limited, ghandhom jinstemghu kontestwalment, u ghalhekk din is-sentenza ser tkopri t-talbiet u l-eccezzjonijiet kollha li jinsabu fiz-zewg kawzi.
>
> Illi t-talba odjerna hija wahda ghall-hlas ta' xoghol appaltat minn TEC Limited lil Esron Mifsud. Stante t-tieni eccezzjoni sollevata, din it-talba, biex tirnexxi, hija necessarjament marbuta mal-azzjoni ghad-danni tentata mis-socjeta' intimata fil-kawza fl-ismijiet inversi quddiem din il-Qorti 290/2016.
>
> Infatti t-talba ta' TEC Limited ghar-risarciment tad-danni tirreferi ghal parti mix-xoghlijiet li taghhom l-attur qed jippretendi l-hlas. TEC Limited qed tippretendi r-rizarciment ghas-segwenti danni, kif jirrizulta mill-invoice esebita a fol 4 mar-rikors promotur, u cioe`:
>
> > a) "Cause of breakage and misuse of 6 gazebos 4m x 4m, roofs and side walls - €16,980.
> >
> > b) "Cause of breakages and misuse of 180metres square carpet layed under gazebos - €1,080.

> c) Cause of damages on vehicle LCU 584 due to gazebos that were blown away - €1,730.
>
> d) Other expenses in gutters and labour work to accommodate new set up - €1,320".

Dawn jirreferu ghall-prestazzjonijiet maghmula minn Esron Mifsud konsistenti fil-preparazzjoni ta' tined u 'set-up' ghall-avveniment tal-15 ta' Novembru 2014, tal-Junior Eurovision Song Contest fil-Malta Ship Building Marsa.

- Omissis -

Permezz tal-istess sentenza ikkundannat lil Esron Mifsud ihallas lil TEC Limited l-ammont komplessiv ta' €18,300 piu` VAT rapprezentanti risarciment ghal:

> a) "Cause of breakage and misuse of 6 gazebos 4m x 4m, roofs and side walls - €16,980; u
>
> d) Other expenses in gutters and labour work to accommodate new set up - €1,320".

Ghalhekk isegwi minnufih li t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' TEC Limited qed tigi milqugha u l-attur, konsegwentement ma jistax iktar jippretendi hlas ghal dawn ix-xoghlijiet.

Talba ta' Esron Mifsud li TEC Limited hija debitrici fil-konfront tieghu fl-ammont ta' (€19,009.80):

Illi permezz tal-kawza odjerna Esron Mifsud qed jitlob l-ammont ta' dsatax il-elf, u disgha ewro, u tmenin centezmu (€19,009.80), ghas-servizzi resi.

Illi Esron Mifsud qed jippretendi li jithallas dan l-ammont ghal xoghol ta' tined li ghamel fil-Malta Shipbuilding, ghall-Junior Eurovision Song Contest, u ghal xoghol iehor simili fil-Belt u l-Birgu. In sostenn ghat-talba tieghu, hu esebixxa Dok EM2, esebita fol 103 u 104 tal-process fil-kawza numru 290/2016, fejn hemm lista tax-xoghlijiet u l-hlas pretiz.

Fid-dawl ta' dak li gie kkonstatat, dwar ir-responsabbilta` ta' danni sofferti, kif spjegat fis-subtitolu aktar 'il fuq, din il-Qorti, wara li fliet id-dokument Dok EM2, esebit minn Esron Mifsud, ma tistax tilqa' t-talba tieghu ghall-hlas ghax-xoghol ta' tined li ghamel fil-Malta Shipbuilding, kif minnu pretiz.

Ghalhekk, ghandhom jitqiesu biss ix-xoghlijiet, f'La Sfoglia Restaurant, fil-Belt, u fil-Birgu, kif hemmhekk, elenkati, u cioe`:

Ilma belt € 120
Belt Pjazza San Gorg 15X 15 €1180
La sfoglia € 200

La sfoglia € 200
La sfoglia € 320 2 pop ups 4 X 4
Belt € 130
1 Gazebo Belt € 250
I pop up 4 X 4 Birgu € 65
I Gazebo 4 X 4 Belt € 250
1 Gazebo 3 X 3
Belt € 65
€2780+VAT

u dan rapprezentanti x-xoghol li sar f'dawk il-postijiet, huwa biss ta' €2,780, li bil-VAT (€500.40) jammonta ghal €3,284.40 .

Ikkunsidrat, li Charles Magro esebixxa dokument XYZ, biex juri li Esron Mifsud, kien diga thallas ta' xoghol esegwit precedentement.

Wara li kkunsidrat dak elenkat f'Dok XYZ esebit a fol 196 tal-kaz 290/2016, ma jirrizultax li hemm indikati xoghol fil-Birgu, fir-Restaurant La Sfoglia, u fil-Belt, kif fil-fatt gew indikati f'Dok EM2.

B'referenza ghat-tielet eccezzjoni ta' TEC Limited, fejn gie sostnut li Esron Mifsud qatt ma pprezenta kont lis-socjeta` TEC Limited, fis-sottomissjonijiet ta' TEC Limited, gie ammess li Esron Mifsud baghat il-kont tieghu anness mal-ittra bl-avukat. Fid-dawl ta' dan, it-tielet eccezzjoni qed tigi respinta."

**L-Appell tal-attur Esron Mifsud**

13. Permezz tal-ewwel aggravju minnu mressaq l-attur Esron Mifsud jikkritika s-sentenza tal-Ewwel Qorti għaliex isostni illi huwa ma jaħti xejn għall-ħsarat li seħħew lit-tined li huwa kien installa. Aggravju identiku ġia ġie trattat fl-appell numru 290/2016 fejn din il-Qorti kkonkludiet illi kien tort ta' Esron Mifsud li numru ta' tined li installa kienu taru bir-riħ. Għaldaqstant a skans ta' ripetizzjoni l-Qorti tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula fl-appell 290/2016 u ssib dan l-aggravju infondat.

14. It-tieni aggravju tal-attur huwa dwar il-*quantum* tad-danni reklamati mis-soċjetà TEC Limited, aggravju li ġie trattat u deċiż fl-appell 290/2016 fejn din il-Qorti kkonkludiet illi s-soċjetà TEC Limited ma resqitx provi sodisfaċenti dwar il-ħsarat li sofriet.

15. Permezz tat-tielet aggravju minnu mressaq l-attur ħassu aggravat mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn iddeċidiet li la darba huwa kien responsabbli għad-danni kaġunati waqt il-maltempata m'għandux jitħallas għax-xogħol tat-tined li għamel ġewwa l-Malta Shipbuiding u li għandu jitħallas biss għax-xogħolijiet li għamel il-Belt fi Pjazza San Ġorġ, La Sfoglia u l-Birgu. Jgħid illi mil-lista' ta' xogħolijiet li huwa għamel ġewwa l-Malta Shipbuilding dawn ikopru numru aktar ta' tined u xogħolijiet minn dawk li ġew affettwati fil-maltempata tas-7 ta' Novembru 2014. Jgħid illi kienu sitta t-tined li ġew effettwati fil-maltempata u dwar l-installazzjoni tagħhom huwa talab €250.00 kull waħda. Jgħid għalhekk illi jekk m'għandux jitħallas tagħhom l-ammont li għandu jiġi ridott mill-kont tiegħu huwa ta' €1,500.00 u mhux l-ammont li rriduċiet l-Ewwel Qorti.

16. Għal dan l-aggravju s-soċjetà appellata irribatiet li Mifsud qiegħed jipprova jiġġustifika l-imperizzja tiegħu billi waħħal f'kull ħaġa li setgħet ġrat mingħajr ma jagħraf ir-responsabbiltà tiegħu u ċjoè li jippeġja t-tined skont is-sengħa u l-arti. Is-soċjetà konvenuta għaddiet sabiex għamlet referenza għax-xhieda ta' Matthew Vella, *part-timer* mas-soċjetà konvenuta fejn kien fisser li *nonostante* li Mifsud ingħata l-ordni li jsiru l-

pinnijiet taħt it-tined, Mifsud naqas milli jagħmel dan. Għamlet referenza wkoll għax-xhieda ta' Charles Magro fejn fost oħrajn innega li huwa kien bagħat lil Mifsud jaħdem f'La Sfoglia fis-7 ta' Novembru iżda kien bagħtu jumejn wara u ċjoè fid-9 ta' Novembru. TEC Limited tgħid illi m'għandha tħallas xejn tax-xogħol li għamel l-attur fil-Malta Shipbuilding peress li d-danni li hija sofriet jissuperaw il-prezz reklamat mill-attur.

17. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti, wara li elenkat id-danni reklamati minn TEC Limited fil-kawża l-oħra ddikjarat:

> "Dawn jirreferu ghall-prestazzjonijiet maghmula minn Esron Mifsud konsistenti fil-preparazzjoni ta' tined u 'set-up' ghall-avveniment tal-15 ta' Novembru 2014, tal-Junior Eurovision Song Contest fil-Malta Ship Building Marsa.
>
> - Omissis -
>
> Permezz tal-istess sentenza ikkundannat lil Esron Mifsud ihallas lil TEC Limited l-ammont komplessiv ta' €18,300 piu' VAT rappreżentanti ghal:
>
> a) Causes of breakages and misuse of 6 gazebos 4m x 4m roofs and side walls. - €16,980.00, u
>
> d) Other expenses in gutters and labour work to accomodate new setup - €1,320
>
> ........ u l-attur konsegwentement ma jistax iktar jippretendi hlas ghal dawn ix-xogholijiet."

18. Din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-attur m'għandux jedd jitlob ħlas ta' xogħol li għamel ħażin. *Una volta* is-sitt (6) *gazebos* 4m x 4m taru bir-riħ tort ta' Esron Mifsud li ma rabathomx mal-art, m'għandux jedd li jitlob il-ħlas sabiex installhom.

19. Però l-Ewwel Qorti ma neħħietx biss mill-kont tal-attur il-prezz mitlub għall-installazzjoni ta' dawn is-sitt *gazebos* li taru bir-riħ imma l-prezz tax-xogħolijiet kollha li għamel l-attur fil-Malta Shipbuilding bi preparazzjoni għal Junior Eurovision Song Contest.

20. Il-kont tal-attur mertu tal-kawża odjerna għall-installazzjonijiet li huwa għamel f'diversi postijiet apparti fil-Malta Shipbuilding fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta jinsab a fol.103 – 104 tal-kawża numru 290/2016. Minn dan il-kont l-Ewwel Qorti naqset l-ammonti segwenti kollha relatati mal-ħidma tal-attur fil-Malta Ship Building:

| | | |
|---|---|---|
| 18 4x4 pop up | : | €1,170.00 |
| 02 tents 15x30 | : | €1,180.00 |
| 01 tent 15x25 + 01 tent 15x40 | | €1,180.00 |
| 01 tent 15x15 | : | €1,180.00 |
| 09 tapiti 15x40 | : | €1,080.00 |
| 01 gutter tal-15x30 | : | €50.00 |
| 09 gutter tal-5x5 | : | €200.00 |
| 10 tents 4x4 | : | €2,500.00 |
| 09 tents 5x5 | : | €2,250.00 |
| 02 3x3 pop up | : | €130.00 |

21. Tgħid hekk fir-rigward l-Ewwel Qorti:

> "Illi permezz tal-kawza odjerna Esron Mifsud qed jitlob l-ammont ta' dsatax il-elf, u disgha ewro, u tmenin centezmu (€19,009.80), ghas-servizzi resi.
>
> Illi Esron Mifsud qed jippretendi li jithallas dan l-ammont ghal xoghol ta' tined li ghamel fil-Malta Shipbuilding, ghallJunior Eurovision Song Contest, u ghal xoghol iehor simili fil-Belt u l-Birgu. In sostenn ghat-talba tieghu, hu esebixxa Dok EM2, esebita fol 103 u 104 tal-process fil-kawza numru 290/2016, fejn hemm lista tax-xoghlijiet u l-hlas pretiz. Fid-dawl ta' dak li gie kkonstatat, dwar ir-responsabbilta` ta' danni sofferti, kif spjegat fis-subtitolu aktar 'il fuq, din il-Qorti, wara li fliet id-

dokument Dok EM2, esebit minn Esron Mifsud, ma tistax tilqa' t-talba tieghu ghall-hlas ghax-xoghol ta' tined li ghamel fil-Malta Shipbuilding, kif minnu pretiz.

Ghalhekk, ghandhom jitqiesu biss ix-xoghlijiet, f'La Sfoglia Restaurant, fil-Belt, u fil-Birgu, kif hemmhekk, elenkati, u cioe`:

Ilma belt € 120
Belt Pjazza San Gorg 15X 15 €1180
La sfoglia € 200
La sfoglia € 200
La sfoglia € 320
2 pop ups 4 X 4 Belt € 130
1 Gazebo Belt € 250
I pop up 4 X 4 Birgu € 65
I Gazebo 4 X 4 Belt € 250
1 Gazebo 3 X 3 Belt € 65
€2780+VAT

u dan rapprezentanti x-xoghol li sar f'dawk il-postijiet, huwa biss ta' €2,780, li bil-VAT (€500.40) jammonta ghal €3,284.40 ."

22. Kif rajna d-danni reklamati minn TEC Limited ma ġewx akkordati minn din il-Qorti għar-raġunijiet imfissra fis-sentenza fl-appell numru 290/2016.

23. Iżda anke li kieku għas-saħħa tal-argument biss din il-Qorti kkonfermat id-danni kanonizzati mill-Ewwel Qorti, xorta waħda l-attur odjern kellu jedd jitlob għall-ħlas ta' dawk ix-xogħolijiet li ma rriżultawx li kienu afflitti minn traskuraġni u nuqqasijiet u li ma ġewx milquta bil-maltempata. F'dak ix-xenarju li qed jiġi meqjus biss għall-fini ta' din id-deliberazzjoni, kienet tapplika t-tpaċija parzjali.

24. Din il-Qorti għalhekk tqis illi mill-kont reklamat mill-attur għandu jitnaqqas biss il-valur tax-xogħol tiegħu relatat mas-sitt tined illi taru bir-riħ matul il-maltempata, ammontanti għal elf u ħames mitt ewro (€1,500).

25. Tqis għalhekk illi dan it-tielet aggravju huwa parzjalment fondat u għalhekk qed tvarja l-ammont kanonizzat mill-Ewwel Qorti minn €3,284.40 għal sbatax-il elf, mitejn u disgħa u tletin ewro u tmenin ċenteżmu (€17,239.80[1]).

**L-aggravju tas-soċjetà konvenuta**

26. Fl-appell imressaq mis-soċjetà konvenuta hija tgħid li tħossha aggravata mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ikkanonizzat lill-attur kreditur tagħha fis-somma ta' €3,284.14 għal xogħol li saru l-Belt u l-Birgu. Tgħid illi għal dak ix-xogħol l-attur kien diġà tħallas u għamlet referenza għal paġna 196 tal-proċess. Is-soċjetà konvenuta tinsisti li Esron Mifsud qatt ma kien jagħmel fattura, qatt ma kien iniżżel dati, qatt ma kien jagħmel deskrizzjoni tax-xogħlijiet u rari niżżel il-lokalità ta' fejn sar ix-xogħol biex wassal għal stat konfużjonali.

27. Għal dan l-aggravju Esron Mifsud jirrispondi li d-dokument li qed issir referenza għalih mis-soċjetà konvenuta ma jirreferiex għal dak minnu pretiż f'din il-kawża. Jirreferi għax-xhieda ta' Charles Magro li tinsab

[1] €19,009.80 - €1,500 (6 tined 4x4) - €270 (VAT) = €17,239.80

f'paġna 139 tal-proċess Rik Ġur 290/2016. Skont l-attur, Charles Magro kien ikkonferma li l-irċevuta m'għandha xejn x'taqsam mal-kawża odjerna, apparti wkoll li qatt ma tressqet eċċezzjoni li ġa kien hemm ħlas parzjali tal-ammont mertu tal-kawża. L-appellat Mifsud jinsisti li s-soċjetà konvenuta ma ġabet ebda prova li tikkonferma l-ħlas parzjali. Jinsisti wkoll li mhux minnu li qatt m'għamel fatturi, jew li qatt ma niżżel dati jew għamel deskrizzjoni tax-xogħol u l-lokalità; isostni li fol 103, 104 u 196 tal-proċess Rik Ġur 290/2016, juru li Mifsud dejjem kien jiddeskrivi fhiex kienu jikkonsistu x-xogħlijiet li għamel. Isostni wkoll li lista ta' xogħlijiet b'din l-informazzjoni kienet tinżamm ukoll u dan kif juru fol 101 u 102 tal-proċess, liema dokumenti qatt ma ġew kkontestati. L-attur jissottolinea illi x-xogħlijiet li qiegħed jippretendi l-ħlas tagħhom permezz tal-kawża odjerna kollha saru wara d-data li tidher fuq l-irċevuta fiskali li fuqha qed tistrieħ is-soċjetà konvenuta, li ġġib id-data tal-10 ta' Mejju 2014. Jisħaq illi x-xogħolijiet li tagħhom qed jitlob il-ħlas u li jidhru fuq il-fattura tiegħu a fol 103 u 104 huma differenti minn dawk imsemmija fil-fattura a fol 196.

28. Il-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tas-somma li qieset bħala dovuta mis-soċjetà konvenuta lill-attur kienet is-segwenti:

> "Fid-dawl ta' dak li gie kkonstatat, dwar ir-responsabbilta` ta' danni sofferti, kif spjegat fis-subtitolu aktar 'il fuq, din il-Qorti, wara li fliet id-dokument Dok EM2, esebit minn Esron Mifsud, ma tistax tilqa' t-talba tieghu ghall-hlas ghax-xoghol ta' tined li ghamel fil-Malta Shipbuilding, kif minnu pretiz. Ghalhekk, ghandhom jitqiesu biss ix-xoghlijiet, f'La Sfoglia Restaurant, fil-Belt, u fil-Birgu, kif hemmhekk, elenkati, u cioe`:

| | |
|---|---|
| Ilma belt | € 120 |
| Belt Pjazza San Gorg 15X 15 | €1180 |
| La sfoglia | € 200 |
| La sfoglia | € 200 |
| La sfoglia | € 320 |
| 2 pop ups 4 X 4 Belt | € 130 |
| 1 Gazebo Belt | € 250 |
| I pop up 4 X 4 Birgu | € 65 |
| I Gazebo 4 X 4 Belt | € 250 |
| 1 Gazebo 3 X 3 Belt | € 65 |
| | €2780+VAT |

u dan rapprezentanti x-xoghol li sar f'dawk il-postijiet, huwa biss ta' €2,780, li bil-VAT (€500.40) jammonta ghal €3,284.40.

Ikkunsidrat, li Charles Magro esebixxa dokument XYZ, biex juri li Esron Mifsud, kien diga thallas ta' xoghol esegwit precedentement. Wara li kkunsidrat dak elenkat f'Dok XYZ esebit a fol 196 tal-kaz 290/2016, ma jirrizultax li hemm indikati xoghol fil-Birgu, fir-Restaurant La Sfoglia, u fil-Belt, kif fil-fatt gew indikati f'Dok EM2.

B'referenza ghat-tielet eccezzjoni ta' TEC Limited, fejn gie sostnut li Esron Mifsud qatt ma pprezenta kont lis-socjeta` TEC Limited, fis-sottomissjonijiet ta' TEC Limited, gie ammess li Esron Mifsud baghat il-kont tieghu anness malittra bl-avukat. Fid-dawl ta' dan, it-tielet eccezzjoni qed tigi respinta."

29. Din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti u ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha titbiegħed minnha. Issib għalhekk illi l-appell tas-soċjetà konvenuta huwa infondat u qed tirriġettah.

## Decide

Għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tas-soċjetà konvenuta; tilqa' parzjalment l-appell tal-attur sa fejn kompatibbli ma' dak fuq ikkonsidrat, tvarja s-sentenza appellata billi tawmenta l-ammont kanonizzat għas-somma ta' sbatax-il elf, mitejn u disgħa u tletin

ewro u tmenin ċenteżmu (€17,239.80) bl-imgħax legali kif deċiż mill-Ewwel Qorti.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi in kwantu għal kwart ($^1/_4$) a karigu tal-attur, u in kwantu għal tlett kwarti ($^3/_4$) a karigu tas-soċjetà konvenuta.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Grazio Mercieca
Imħallef

Deputat Reġistratur
da